# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1349/00**

**Numru 39**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Lewis u Maria Concetta konjugi Coppola kif ukoll l-istess Lewis Coppola ghan-nom u in rapprezentanza ta' "Jesmond Sporting Club"**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija tnejn u hamsin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm552.11) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 249228 (skond kif jirrizulta mall-"statement" anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond "Jesmond Sporting Club", Canon Bonnici Street, Hamrun u dana skond ma kif jidher mill-kopja ta' applikazzjoni annessa mal-avviz u markata Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm552.11,0 bl-imghax legali mit-12 ta’ Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg